*Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Tribunal Industrijali*

*Applikabilita` tal-Art 6 tal- Konvenzjoni Ewropea*

*Kontestazzjoni*

*"Civil Rights and Obligations"*

*Tribunal Indipendenti u Imparzjali*

*Stare Decisis*

*Artikoli 73(2) u 73 (4) ta' l-Att dwar l-lmpjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali*

*Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Novembru 2017

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 29/2016/LSO**

***30 ta' Novembru 2017.***

**Francis Xavier k/a Francisco Farrugia (Kl 442873M)**

**vs**

**L-Avukat Generali u b' digriet tal-25 ta' Mejju 2016 giet kjamta in kawza l-Malta Public Transport Service (Operations) Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Francis Xavier k/a Francisco Farrugia (Kl 442873M) datat 15 ta' Marzu 2016 fejn espona: -

1. Illi fit-30 ta' Settembru 2013, l-esponent intavola Kwistjoni tax-Xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali fejn huwa allega li kellu l-impjieg tieghu terminat b'mod ingust.

2. Illi nhar il-15 ta' Ottubru 2014 it-Tribunal Industrijali iddecieda l-kaz Numru 3165/FM, fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Francesco Farrugia u Arriva Malta Limited u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2014, dan ghandu jigi sostitwit ghal Malta Public Transport Service (Operations) u sab kontra l-esponenti.

3. Illi t-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol hawn fuq imsemmija gie kostitwit permezz ta' gudikant wiehed ossia *Chairperson* maghzul minn *panel* mahtur mill-Ministru *a tenur* ta' l-artikoli 73(2) u 73 (4) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ("l-Att").

4. Illi f'dan l-isfond l-esponent jaghmel referenza ghall-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jghid hekk:

*"Kull qorti jew awtorita` ohra gudikanti mwaqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

U wkoll, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea illi jipprovdi hekk:.

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-*

*partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi* specjali *meta l-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi hija l-umli fehma tar-rikorrenti li t-Tribunal Industrijali imwaqqaf bl-Artikolu 73 ta' l-Att ma jissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti garantit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea u dan ghar-ragunijiet segwenti:

i. Illi minkejja li t-Tribunal Industrijali jaghti l-impressjoni li ghandu dawk il-kontrolli u bilanci li jaghmluh indipendenti u imparzjali, fil-fatt jekk wiehed janalizza sewwa l-provvedimenti tal-Att u fl-istess waqt jixtarr sewwa kif fil-prattika jigu attwati dawn l-affarijiet, isib li t-Tribunal Industrijali m'huwiex indipendenti u imparzjali.

ii. Illi l-artikolu 73 ta' l-Att ma jipprovdix biex it-Tribunal Industrijali jkun tribunal imparzjali u indipendenti *stante* li l-membri tieghu ma jgawdux sigurta' bizzejjed fil-mili tal-kariga taghhom ("security of tenure"). Illi fil-kaz tac-*Chairpersons* tat-Tribunal, *"dawn il-persuni jigu mahtura ghal perjodu li ma jkunx aktar minn tliet snin mid-data tal-hatra taghhom u jistghu jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal perjodi ohra li kull wiehed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin"* (Artikolu 73 (2)). Illi dan ifisser li c-*Chairperson* tat-Tribunal huwa soggettat ghas-setgha tal-Ministru li jerga' jahtru mill-gdid fi tmiem it-terminu tal-hatra.

iii. Illi l-Qorti ta' Strasburgu tghid li perjodu massima ta' tliet snin huwa perjodu qasir (il-minimu rikjest) biex tigi accertata l-indipendenza ta' qorti jew tribunal pero' taccetta

li jista' jkun hemm cirkustanzi fejn perjodu qasir ta' tliet snin jista' jkun accettabli jekk kemm-il darba jkunu sodisfatta kriterji ohra ben definiti li jaghtu sigurta' lill-gudikant. Madankollu, tali kriterji mhumiex soddisfatti fil-kaz odjern minhabba l-fatt li c-*Chairpersons* tat-Tribunal jistghu jigu mnehhija minn fuq il-*panel* ta' *Chairpersons* mill-Ministru minghajr htiega li dan jaghti raguni valida jew addirittura htiega li sahansitra jaghti xi tip ta' raguni. Illi dan huwa metodu li aktar jixbah il-kuncett antik "at her Majesty's pleasure", milli mekkanizmu mistenni f'socjeta` u pajjiz demokratiku.

iv. Illi l-**artikolu 73(6) tal-Att** jghid li l-Prim Ministru jista', minn zmien gnal zmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fl-artikolu 73(2), jibdel l-ghamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu, izda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' *Chairperson* tat-Tribunal ghandha, minkejja t-tnenhija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-procedimenti li fihom tkun qed isservi bhala *Chairperson* sakemm jintemmu dawk il-procedimenti u ghal fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza moghtija fihom. Illi harsa hafifa lejn xi jsehh fil-prattika, u x'sehh fil-fatt f'pajjizna ftit taz-zmien biss qabel id-decizjoni fil-Kwistjoni tax-Xoghol hawn fuq imsemmija, juri bic-car li dan l-artikolu qieghed biss fuq il-kotba tal-ligi u ma jigix attwat fir-realta`.

v. Illi minkejja li l-Prim Ministru ghandu jikkonsulta mal-MCESD, il-ligi ma tipprovdix li l-Prim Ministru ghandu jkun marbut ma' dak li johrog mill-konsultazzjoni. Izjed minn hekk, il-fatt dwar jekk il-Prim Ministru jkunx verament ikkonsulta mal-MCESD mhuwiex sindikabbii u/jew

enforzabbli quddiem il-Qrati Maltin, li jgib fix-xejn il-ftit sigurta' li ghandhom ic-*Chairpersons* tat-Tribunal Industrijali li ma jigux imnehhija minn fuq il-*panel* bla raguni ta' xejn, kif u meta joghgbu l-Ministru.

vi. Illi l-**Artikolu 73** ghalhekk jippermetti lill-Ministru li-jimplimenta mizuri jew passi pseudo-dixxiplinarji fuq ic-*Chairperson* tat-Tribunal, liema passi ma huma soggetti ghal ebda revizjoni jew censura peress li jaqghu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Ministru. Ghalhekk fil-prattika it-Tribunal Industrijali huwa kostitwit minn persuni li huma subordinati ghar-rieda assoluta u arbitrarja tal-Ministru.

vii. Ghalhekk ukoll, fejn l-Att jittratta l-hatra u kompozizzjoni tat-Tribunal qieghed jikser id-drittijiet kostituzzjonali ta' min jehtieglu jirrikorri quddiemu u min gie intimat li jidher quddiemu, inkuz I-esponenti. Illi dan kollu hawn fuq spjegat ghandu jigi moqri fl-isfond u relevanza ulterjuri li persuna li jrid jappella minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali jista' jaghmel dan biss fuq punt ta' dritt.

5. Illi dan kollu premess jesponi ksur manifest u lampanti tad-dritt ghal smigh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijaii, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghall-smigh xieraq ta' l-esponenti, senjatament *stante* li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap 39 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali tal-lstat ta' Malta.

2. Tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Francesco Farrugia u Arriva Malta Limited u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2014, dan ghandu jigi sostitwit ghal Malta Public Transport Service (Operations) Ltd, moghtija fil-15 ta' Ottubru 2014 hija nulla u bla effett *stante* li kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att dwar l-lmpjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghall-smigh xieraq ta' l-esponenti, senjatament *stante* li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u I-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap 39 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali ta' l-lstat ta' Malta.

3. Taghmel dak li jidhrilha xieraq sabiex jitwettqu l-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u hekk taghti kull rimedju jew direttivi opportuni.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' April 2016 fid-9:30am, u ordnat n-notifika tal-istess rikors lill-intimati b' ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat ir**-risposta tal-Avukat Generali** datata 11 ta' April 2016 a fol 8 tal-process fejn espona :

(I) Illi permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrent qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu a bazi ta' lanjanza li l-kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 ma jiswiex ghaliex allegatament jikser id-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent, senjatament *stante* li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u qed jitlob, fost affarijiet ohra li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 15 ta' Ottubru 2014 tigi annullata;

(II) Illi in linea preliminari, ma jidhirx li r-rikorrent ezawrixxa r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih skont il-ligi konsistenti f'appell quddiem il-Qorti kompetenti u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandu joghgobha tiddeklina milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-azzjoni odjerna *ai termini* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319;

(III) Illi in linea preliminari ukoll, sabiex il-process ikun integru jehtieg li l-kumpanija li ssostitwit lil *Arriva Malta Limited* b'digriet tal-5 ta' Marzu 2014 u cioe` *Malta Public Transport Service (Operations),* li kienet il-parti l-ohra involuta fil-Kwistjoni tax-Xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali ghandha tkun kjamata in kawza;

(IV) Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju, il-kwistjoni ta' xoghol li kien hemm quddiem it-Tribunal Industrijali kienet tikkoncerna kwistjoni ta' xoghol purament privata bejn ir-rikorrent u l-kumpanija *Arriva Malta Limited,* fejn ir-rikorrent ghazel liberalment li ma jaccettax impjieg u ghalhekk l-azzjoni odjerna ma tqanqal ebda kwistjoni li abbazi taghha jista' jigi invokat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li tali nuqqas ta' accettazzjoni ta' impjieg *da parte* tar-rikorrent la tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' drittijiet ta' natura civili u lanqas ma tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' akkuza kriminali;

(V) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li c-cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(i) Illi fl-ewwel lok, it-Tribunal Industrijali, kif presedut mill-Prokuratur Legali Franco Masini kien jissodisfa r-rekwiziti kollha ta' Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi *ai termini* tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(ii) Illi fit-tieni lok, kif irritjeniet il-Qorti Ewropea diversi drabi, il-kwistjoni ta' smigh xieraq trid tigi evalwata fid-dawl tal-assjem kollu tal-proceduri li kienu disponibbli ghall-

konsiderazzjoni tal-kwistjoni ta' xoghol. Illi huwa ghalhekk rilevanti f'dan ir-rigward li r-rikorrent ghazel li ma jappellax mill-imsemmija decizjoni tat-Tribunal Industrijali li qed tigi attakkata permezz tal-azzjoni odjerna; liema rimedju kien disponibbli ghalih fuq punt ta' dritt quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Illi fil-fatt, l-appell fuq punt ta' dritt jaghti lil dik il-Qorti fakulta` ampja li tikkunsidra l-kwistjoni fl-aspetti kollha rilevanti u ghalhekk huwa car li l-assjem tal-proceduri dwar ilmenti naxxenti mill-impjieg jissodisfaw ir-rekwiziti tas-smigh xieraq;

(iii) Illi fit-tielet lok, effettivament minn imkien ma rrizulta mill-provi prodotti quddiem it-Tribunal Industrijali li b'xi mod ir-rikorrent ma nghatax smigh xieraq u/jew li c-*Chairperson* il-Prokuratur Legali Franco Masini ma kienx indipendenti u imparzjali u/jew il-kwistjoni ta' xoghol in kwistjoni bin-numru ta' Referenza 3165/FM ma tmexxitx jew ma gietx deciza skont il-principji tal-gustizzja. Effettivament, jirrizulta car mid-decizjoni li qed tigi attakkata li c-*Chairperson,* il-Prokuratur Legali Franco Masini, qua Tribunal Industrijali, wasal ghad-decizjoni tieghu tal-15 t'Ottubru 2014 b'ragunijiet ragjonevoli u b'mod diligenti wara li gharbel il-provi kollha in atti u wara li ta l-opportunita` lill-partijiet kollha li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward; liema decizjoni hija *del resto res judicata.* Fil-fatt, it-Tribunal Industrijali f'dan il-kaz wasal ghall-konkluzzjoni li l-kaz tar-rikorrent kien wiehed *ta' nuqqas ta' impjieg da parti tar-rikorrent u certament mhux ta' tkeccija minn mas-socjeta` intimata Arriva Malta Limited, li aktar tard permezz tad-digriet tal-5 ta' Marzu 2014 giet sostitwita ghal Malta Public Transport Service (Operations) Ltd;*

(iv) Illi fir-raba' lok, fir-rigward tal-allegazzjonijiet tar-rikorrent li c-*Chairperson* m'ghandux *security of tenure* u li t-Tribunal Industrijali mhux indipendenti u imparzjali, l-esponent jsostni li fic-cirkostanzi odjerni lanqas ma jirrizulta xi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif qed jigi allegat, la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali bin-numru ta' Referenza 3165/FM u/jew fil-ligi li tirregola l-istess Tribunal fil-kaz ta' kwistjonijiet dwar l-impjieg. A kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, din l-azzjoni fl-umli fehma tal-esponent hija bid-dovut rispett bazata fuq spekulazzjonijiet gratwiti intizi sabiex tigi annullata d-decizjoni tal-imsemmi Tribunal datata 15 ta' Ottubru 2014; liema decizjoni r-rikorrent ma qabilx maghha u wisq inqas intavola appell minnha, ghar-ragunijiet tieghu;

(v) Illi fil-hames lok, l-esponent jirrileva li sabiex l-azzjoni odjerna tirnexxi huwa imperattiv li r-rikorrent jipprova l-istatus ta' vittma li jallega li ghandu u dan kif jitolbu l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap 319. Illi bid-dovut rispett, ma jistax jinghad li l-fatt uniku li t-Tribunal Industrijali presedut mill-Prokuratur Legali Franco Masini sab kontra r-rikorrent jista' b'xi mod iwassal ghal konkluzzjoni awtomatika li r-rikorrent ghandu l-istatus ta' vittma;

(vi) Illi fis-sitt lok, fil-kaz tac-*Chairperson* li jippresedi fuq it-Tribunal Industrijali bhal fil-kaz odjern, l-esponent jirribatti li, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrent, effettivament jezistu dawk is-salvagwardji mehtiega fil-mod

kif kien appuntat ic-*Chairperson* u fil-mod ta' kif tmexxiet il-kwistjoni dwar l-impjieg in kwistjoni mit-Tribunal Industrijali li jissodisfaw bis-shih l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

(vii) Illi fis-seba' lok, il-fatt li c-*Chairperson* inhatar mill-Ministru responsabbli ghall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u l-fatt li gie assenjat skont *roster* ma jfissirx awtomatikament li l-istess *Chairperson* kien se jkollu jew kellu xi ndhil estern dwar il-proceduri jew dwar kif se jiddeciedi l-kwistjoni quddiemu u li ghalhekk mhux indipendenti mill-Ezekuttiv;

(viii) Illi fit-tmien lok, ghandu jinghad li l-Indipendenza tac-*Chairperson* u tal-membri hija wkoll salvagwardjata mill-fatt li *ai termini* tal**-Artikolu 76 tal-Kap 452** dawn jistghu ukoll jigu rikuzati mill-partijiet kif jipprovdi l-Artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ix) Illi fid-disa` lok, l-esponent jirribatti li mhemmx dubju li waqt it-terminu tal-hatra tac-*Chairperson*/u jew tal-membri, l-istess igawdu minn *security of tenure* ghall-kazijiet li kienu assenjati lilhom sakemm l-istess kwistjonijiet ta' xoghol jew tilwimiet industrijali jigu decizi u dan ukoll ghar-raguni sabiex jigu salvagwardjati l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-istess ufficjali;

(x) Illi fl-ghaxar lok, fil-fatt it-Tribunali Industrijali fil-proceduri li jinstemghu u jigu determinati quddiemu josserva l-provvedimenti tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili precizament sabiex jigi assigurat li l-

imsemmi Tribunal ikun indipendenti u imparzjali u sabiex jigu applikati u salvagwardjati fost affarijiet ohra, il-principju fundamentali ta' *equality of arms* u d-dritt ta' smigh xieraq tal-partijiet kollha koncernati fil-kwistjoni;

(xi) Illi finalment, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li gew lezi xi drittijiet tar-rikorrenti, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti; u r-rimedju mitlub li tigi annullata d-decizjoni tat-Tribunal li qed tigi attakkata datata 15 t'Ottubru, 2014 fic-cirkostanzi odjerni certament mhix gustifikata;

(VI) Salv eccezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponent intimat jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur *stante* li fil-fehma tal-esponent, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fic-cirkostanzji odjerni ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew kontra l-obbligazzjonijiet tal-Istat Malti fuq livell Internazzjonali; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat id-digriet moghti fil-25 ta’ Mejju 2016 a fol 25 tal-process fejn il-Qorti rat il-verbal tad-19 ta’ April 2016; rat ir-risposta tar-rikorrenti; u l-Qorti : “*Laqghet it-talba u ordnat il-kjamat in kawza tal-Malta Public Transport Service (Operations) u ordnat z-ziediet mehtiega fl-atti b’ effett ta’ dan id-digriet, kif ukoll in-notifika tar-rikors promotur lill-kjamat in kawza li jkollha ghoxrin jum ghar-risposta”.*

**Rat ir-risposta tal-kjamata in kawza s-Socjeta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited** datata 28 ta' Gunju 2016 a fol 28 tal-process fejn esponiet :

1 Illi permezz tar-rikors datat 15 ta' Marzu 2016 ir-rikorrent Farrugia qieghed jallega illi abbazi tal-kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali *ai termini* tal-Kap 452, huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu waqt is-smigh tal-kaz tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fl-ismijiet **Francesco Farrugia v Arriva Malta Limited** (Kaz nru 3165/FM) u *inter alia* talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex (i) tiddikjara illi l-kostituzzjoni u I-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghall-smigh xieraq, (ii) illi d-decizjoni in kwistjoni tal-Onorabbli Tribunal Industrijali hija nulla u bla effett u (iii) sabiex tiehu mizuri opportuni fid-dawl ta' dan l-allegat ksur.

2. Illi permezz ta' digriet datat 25 ta' Mejju 2016, dina l-Onorabbli Qorti laqghet t-talba tal-intimat Avukat Generali, u ordnat iz-ziedet mehtiega fl-Atti u cioe' Ii tigi kjamata in kawza s-socjeta` esponenti bhala s-successur tal-kumpanija Arriva Malta Limited, il-parti l-ohra fil-Kwistjoni tax-Xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali, liema kwistjoni hija l-mertu tal-procedura odjerna.

3. Illi ghall kull buon fini, anke jekk f'dan l-istadju l-mertu tal-Kwistjoni tax-Xoghol originali mhux *per se* relevanti, is-socjeta` esponenti thoss illi huwa opportun illi tinghata sintezi qasira tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali illi wasslet ghall-proceduri odjerni u cioe' d-decizjoni tat-

Tribunal Industrijali fl-ismijiet **Francesco Farrugia v Arriva Malta Limited u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2014 sostitwit ghall-Malta Public Transport Services (Operations) Limited** datata15 ta' Ottubru 2014.

4. Illi fil-Kwistjoni tax-Xoghol surreferita, r-rikorrent Farrugia kien originarjament u sa minn Frar tal-2011, impjegat *bhala Interchange Operator,* izda minhabba ragunijet ta' *restructuring* huwa kien appuntat bhala *Revenue Protection Inspector,* bl-istess salarju u zieda fil-*commission*. Illi ftit xhur wara huwa kien akkuzat illi fis-7 ta' Mejju tal-2013 huwa kien naqas milli jaqdi dmirijiet ta' *Revenue Inspector*, u kien instab li qaghad f' post fuq *bus* bi ksur tar-regolamenti tas-sahha u s-sigurta vigenti.

5. Illi in sintezi, ir-rikorrent kien ghadda minn process dixxiplinarju intern u nstab hati ta' *gross misconduct,* izda flok tkecca minn xoghlu, is-socjeta` intimata kienet offrietlu post alternattiv bhala xuffier, u wara li rrizulta li ma kellux licenzja addattata, kien offrut ir-rwol ta' *Reversing Marshall* bhala *demotion.* Illi wara li saritlu dina l-offerta r-rikorrent irrifjuta li jaccetta dan r-rwol u naqas milli jattendi izjed il-post tax-xoghol, u ghalhekk gie meqjus li abbanduna l-post tax-xoghol tieghu.

6. Illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal Industrijali sab illi *"r-rikorrent naqas ghall-ragunijiet tieghu li jaccetta l-kastig inqas ta' demotion u prattikament abbanduna l-post tax-xoghol offrut lilu li fil-fatt qatt m'accetta"* u ghalhekk iddecieda illi *"dan kien kaz ta' nuqqas ta' accettazzjoni ta' impieg da parti mir-rikorrent Francesco Farrugia u*

*certament mhux tat-tkeccija tieghu minn mas-Socjeta' intimata"*

**Illi in risposta ghat-talbiet tal-attur, is-socjeta` intimata teccepixxi s-segwenti:**

**1) Illi preliminarjament, ir-rikorrent ma ezawriex r-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghalih qabel ma istitwixxa dawn l-proceduri u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti m'qhandhiex tiehu konjizzjoni ultejruri *ai termini* tal-Artiklu 4(2) tal-Kap 319 u tal-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

i. Illi f'dan il-kuntest isir riferiment ghall-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi illi:

***"Il-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita` s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra"***

ii. Illi s-socjeta` esponenti tirrileva, illi wara d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u *ai termini* tal-Artiklu 82(3) tal-Kap 452, minhabba li l-kaz kien wiehed dwar l-allegat nuqqas ta' tkeccija gusta u sufficjenti, ir-rikorrent kellu kull dritt illi jappella mid-decizjoni tat-Tribunal fuq punt ta' ligi (inkluz jekk huwa hass li ma nghatax smigh xieraq jew ahjar jekk id-Decizjoni tat-Tribunal kien affettwat minhabba nuqqas ta'

smigh xieraq) b'rikors lill-Qorti tal-Appell pprezentat mhux aktar tard minn tnax-il gurnata mid-data tal-istess decizjoni.

iii. Illi *nonostante* dan ir-rimedju provist mil-ligi ordinarja u cioe' mill-Kap 452, ir-rikorrent ghazel li ma juzax dan ir-rimedju li kien *a disposizione* tieghu u minflok fetah il-proceduri odjerni quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

iv. Illi dwar dan il-Qrati nostrana gja kellhom l-opportunita' jikkummentaw b'mod ezawrenti u cioe' li meta jissemma' li jkun hemm rimedju iehor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. Biex jitqies bhala effettiv, ma hemmx ghalfejn li r-rimedju jrid jintwera bhala wiehed li ser jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci. Kif suespost, f'dan il-kaz ir-*rikorrent kellu kull opportunita' illi jappella d-decizjoni quddiem il-Qorti tal-Appell, forum ghal kollox indipendenti* mit-Tribunal Industrijali u li kellha s-setgha tikkunsidra u tiddeciedi dwar in-nuqqas *o meno* ta' smigh xieraq mit-Tribunal Industrijali.

**v. Ghaldaqstant, b'kull rispett is-socjeta' esponenti umilment tikkontendi li din l-Onorabbli Qorti, ghandha tirrifjuta li tezercita` s-setghat taghha f'dan ir-rigward in kwantu ma jirrizultax li r-rikorrent ezawrixxa r-rimedji ordinarji li kienu disponibbli favur tieghu - ossia d-dritt t'appell kif provist fil-Kap 452 - qabel ma ntavola l-proceduri odjerni.**

**2) <u>Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoniet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fl-intier taghhom, u dan *stante* illi l-istess allegazzjonijet tar-rikorrent ma jindikaw l-ebda tip ta' ksur materjali tad-drittijiet tieghu, u ghaldaqstant</u> huma bla bazi u infondati.**

i. Illi fl-ewwel lok, s-socjeta` intimata tirrileva illi it-Tribunal Industrijali hekk kif kompost waqt is-smigh tal-Kaz nru 3165/FM, kien kompost *in piena* konformita` mal-Kap 452 u kien jissodisfa l-kriterji ta' indipendenza u imparzjali kif dettati fil-Kap 319 u l-Kostituzzjoni ta' Malta;

ii. Illi fit-tieni lok, kif diga` intqal aktar 'il fuq, r-rikorrent kellu kull dritt li jintavola appell fuq punt ta' dritt quddiem il-Qort tal-Appell (Sede Inferjuri) izda huwa naqas milli jaghmel dan, ghal-ragunijiet maghrufa lilu biss, meta dan ir-rimedju kien disponibbli ordinarjament;

iii. In oltre, jekk ir-rikorrent hass li ma kienx qieghed jinghata smigh xieraq mic-*Chairperson* seta' wkoll jirrikorri ghall-procedura li twassal lic-*Chairperson* jigi rikuzat, dan kif jiddisponi l-Artikolu 734 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Illi fit-tielet lok, minn qari tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali in kwistjoni, ma jirrizulta bl-ebda mod illi kien hemm hjiel ta' nuqqas ta imparzjalita', indipendenza jew korrettezza minn-naha tac-*Chairperson* tat-Tribunal, li tul is-seduti li nzammu sakemm giet deciza l-kawza, jidher li ghamel xoghlu b'mod diligenti u korrett u li ta lir-rikorrent kull cans u dritt illi jaghmel il-kaz tieghu *in piena* konformita'

mal-principji tal-gustizzja naturali, senjatament *audi alteram partem* u l-*equality of arms.*

v. Illi subordinarjament ghall-punt precedenti, jigi rrilevat ukoll illi proceduri quddiem t-Tribunal Industrijali jigu mmexxija u stradati in konformita' mar-regoli elenkati fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan biex tigi zgurata l-ottemperanza mal-istess principji tal-gustizzja naturali.

vi. Illi fil-hames lok, skont il-principju legali *"onus probandi incumbit ei qui dicit non el qui negat"* l-oneru tal-prova jaqa' fuq r-rikorrent biex jipprova li tassew kien vittma ta' xi tip ta' ksur jew pregudizzju fid-Drittijiet Fundamentali tieghu li jmur oltre s-semplici fatt illi t-Tribunal iddecieda l-kaz kontrih.

vii. Illi fis-sitt lok il-fatt illi c-*Chairperson* kien mahtur mill-Ministru kompetenti, u li kien assenjat il-kaz fuq bazi ta' *roster* u li allegatament ma jgawdix *'security of tenure'* ma jfissirx illi awtomatikament ic-*Chairperson* ghandu jigi meqjus u prezunt li mexa b'mod illi mhux imparzjali. Jekk xejn u kif din il-Qorti sostniet kemm-il darba, fi proceduri dwar lezjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq, ghandhom jigu meqjusa c-cirkostanzi u fatturi kollha madwar il-proceduri, biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew lezjoni ta' dan id-dritt.

viii. Illi wara kollox l-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent kif deskritt minnu huwa biss ipotetetiku u bl-ebda mod ssostanzjat tant illi l-argumenti kollha tieghu huma msejsa biss fuq spekulazzjoni ta' x'jista' jkun gara minghajr ebda

forma ta' referenza ghal xi fatti li jikkonfermaw b'konkretezza l-ksur allegat minnu.

ix. Illi in oltre fil-kawza odjerna zgur li ma kienx hemm lok ghal xi parir estern li seta' ha c-*Chairperson* u kwindi sakemm ir-rikorrent igib xi prova ohra li turi li c-*Chairperson* ha xi parir li ma kellux jiehu f'din il-kawza allura huwa ma jistax jistrieh fuq ipotesi li c-*Chairperson* seta' b'xi mod ha parir bi ksur ghad-drittijiet tieghu.

x. Illi ulterjorment, bir-rispett kollu, jekk kien hemm ksur ta' smigh xieraq ir-rikorrent seta' bi zgur jinduna bih b'mod immedjat waqt is-smigh tal-kawza fl-ewwel istanza quddiem it-Tribunal Industrijali u sahansitra waqt iz-zmien opportun li fih seta' jappella fuq punt ta' ligi. Ma tezisti l-ebda raguni li tiggustifika l-fatt li r-rikorrent qieghed iressaq dan l-ilment issa, circa tmintax-il xahar wara li nghata d-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali. Kwindi mhux biss it-talba tar-rikorrent huwa infondat fil-fatt u fid-dritt izda huwa wkoll intempestiv.

**3) Illi minghair pregudizzju ghas-suespost, u *dato ma non concesso,* fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, ikun opportun li tinghata biss dikjarazzjoni f'dan is-sens, izda ma ghandhiex tigi annullata d-decizjoni tat-Tribunal in kwistioni u cioe' dik fl-ismijiet Francesco Farrugia v Arriva Malta Limited (Kaz nru 3165/FM).**

i. Illi dan kollu jinghad fl-isfond tal-fatt, illi minghajr ebda ekwivoku, il-proceduri odjerni huma mod astut min-naha tar-rikorrent li jirkeb il-mewga ta' incertezza prezenti fl-ambitu industrijali.

ii. Illi konvenjentement, ir-rikorrent li llum qieghed jallega lezjoni ghad-drittijiet fundamentali tieghu, stenna x-xhur wara dina l-allegata lezjoni sabiex ressaq dina l-lanjanza kostituzzjonali.

iii. Illi l-esponenti tissottometti rispettosament li ghandu jigi tenut in kont ukoll illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tiddikjara illi s-sentenza tat-Tribunal Industrijali in kwistjoni hija nulla fuq din il-bazi, l-istess Qorti tkun qieghda bir-rispett dovut, tohloq precedent perikoluz li jista' jwassal ghall-iskrutinju tal-mijiet ta' decizjonijiet moghtija mit-Tribunal Industrijali tul is-snin, li f'daqqa wahda jistghu kollha jigu meqjusa kollha bhala anti-kostituzzjonali fuq suppozizzjonijiet ipotetici u mhux prova ta' nuqqas ta’ smigh xieraq u jergghu jigu miftuha mill-gdid ghall-iskrutinju gudizzjarju tal-Qrati - dan ghad-detriment kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiema li kienu partijiet f'xi kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali.

**4) Salv eccezjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.**

**Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti Malta Public Transport Services (Operations) Limited titlob l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur, *stante* illi dawn**

**huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.**

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2016 (fol 36) fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Roma D'Alessandro ghall-Avukat Generali u Dr Paul Conti ghas-socjeta' kjamata in kawza. Deher Dr Christian Frendo ghar-rikorrent prezenti fl-Awla, li prezenta affidavit tal-istess rikorrent u ghadda kopja tal-istess lid-difensuri tal-kontro-parti. Dr D'Alsessandro talbet l-allegazzjoni tal-atti dwar il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali. It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tigi esebita kopja legali tal-proceduri fil-kwistjonijiet ta' xoghol 3165/FM bejn "Francesco Farrugia u Arriva Malta Ltd illum Malta Public Transport Service (Operations Limited)" mis-Segretarja tat-Tribunal Industriali, li hi ordnata tesebixxi din il-kopja sa ghoxrin gurnata minn dan il-verbal *tramite* r-Registratur. Il-Qorti halliet l-kawza ghall-prezentata tal-affidavits tas-socjeta' intimata li kellhom jigu prezentati fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn dan il-verbal. Ir-rikors gie differit ghall-1 ta' Novembru 2016 fid-9:30a.m

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Francis Xavier k/a Francisco Farrugia datata 20 ta' April 2017 a fol 64 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-socjeta` Malta Public Transport Operations Services Limited datata 30 ta' Mejju 2017 a fol 84 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-Avukat Generali datata 20 ta' Gunju 2017 a fol 95 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 22 ta' Gunju 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Roma D'Alessandro u Dr Paul Gonzi ghall-intimati. Prezenti r-rikorrenti. Il-Qorti accettat n-nota tal-Avukat Generali ppezentata fir-Registru. Id-difensuri prezenti ma kellhomx xi jzidu man-noti taghhom, u qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet posposta. Meta rega' ssejjah ir-rikors regghu dehru r-rikorrent assistit minn Dr Chris Frendo u d-difensuri tal-intimati. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Chris Frendo, Dr Roma D'Alessandro u Dr Paul Gonzi, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tal-proceduri odjerni, r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-dritt tieghu ghas-smigh xieraq senjatament peress li l-kostituzzjoni u l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali, kostitwita taht id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (**Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta**) - 'il quddiem imsejjah "**l-Att"**, ghas-smigh tal-Kwistjoni tax-Xoghol tieghu hija lesiva tal-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** aktar 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni"** u tal-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem -**

**Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'l quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**"; u dan ghaliex fil-fehma tieghu t-Tribunal Industrijali imwaqqaf bl-**Artikolu 73 ta' l-Att** ma jissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti garantit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ghar-ragunijiet esposti fir-rikors promotur.

Konsegwentement qed jitlob li tigi dikjarata nulla u bla effett id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn Francesco Farrugia u Arriva Malta Limited (b'digriet tal-5 ta' Marzu 2014 sostitwit ghal Malta Public Transport Service (Operations) Ltd) moghtija fil-15 ta' Ottubru 2014 oltre kull rimedju opportun iehor li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti.

Illi l-intimat l-**Avukat Generali** wiegeb ghal din il-lanjanza *in linea* preliminari billi stieden lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha bl-applikazzjoni tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament; talab il-kjamata fil-kawza tal-*Malta Public Transport Service (Operations)* ghall-fini tal-integrita' ta' dan il-gudizzju; li l-kwistjoni ta' xoghol li kien hemm quddiem it-Tribunal Industrijali kienet tikkoncerna kwistjoni ta' xoghol purament privata bejn ir-rikorrent u l-kumpanija *Arriva Malta Limited stante li tali nuqqas ta' accettazzjoni ta' impjieg da parte tar-rikorrent la tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' drittijiet ta' natura civili u lanqas ma tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' akkuza kriminali* u ghalhekk l-azzjoni odjerna ma tqanqal ebda kwistjoni li abbazi taghha jista' jigi invokat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*;* subordinatament u fil-mertu li c-

cirkostanzi tal-kaz ma jirrapprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet dedotti fir-Risposta.

Illi b'Digriet taghha moghti fil-25 ta’ Mejju 2016 din il-Qorti laqghet it-talba ghall-kjamata fil-kawza tal-*Malta Public Transport Service (Operations)* u kwindi t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat giet sorvolata.

Illi jirrizulta mill-atti li l-isem tal-kjamata fil-kawza hija *Malta Public Transport Service (Operations) Limited,* u ghalhekk din il-Qorti qeghda presenzjalment tordna l-korrezzjoni tal-okkju u kull fejn hu mehtieg fl-atti sabiex l-isem tal-kjamata fil-kawza tkun *Malta Public Transport Service (Operations) Limited.*

Illi s-socjeta' **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** irribattiet billi *in linea* preliminari, invokat **l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u **l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta**; fil-mertu billi eccepiet li t-Tribunal Industrijali kif kompost kien jissoddisfa l-kriterji ta' indipendenza u imparzjalita' rikjesti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni ghar-ragunijiet dedotti fir-risposta.

**FATTI FIL-QOSOR**

Il-fatti li johorgu mill-atti huma s-segwenti.

Illi r-rikorrent kien akkuzat illi fis-7 ta' Mejju tal-2013 huwa kien naqas milli jaqdi dmirijiet ta' *Revenue Inspector*.

Huwa kien ghadda minn process dixxiplinarju intern minhabba li nstab li qaghad f' post fuq ix-xarabank bi ksur tar-regolamenti tas-sahha u s-sigurta vigenti u nstab hati ta' **gross** *misconduct.* Flok tkecca minn xoghlu, is-socjeta` intimata kienet offrietlu post alternattiv bhala xuffier, u wara li rrizulta li ma kellux licenzja addattata, kien offrut ir-rwol ta' *Reversing Marshall* bhala *demotion.* Illi wara li saritlu dina l-offerta r-rikorrent irrifjuta li jaccetta l-post alternattiv lilu offrut .

Illi fit-30 ta' Settembru 2013, intavola Kwistjoni tax-Xoghol quddiem it-Tribunal Industrijali fejn huwa allega li kellu l-impjieg tieghu terminat b'mod ingust. Il-kaz fil-**Kwistjoni tax-Xoghol bejn Francesco Farrugia u Arriva Malta Limited** gie deciz mit-Tribunal Industrijali fil-15 ta' Ottubru 2014 (Kaz. Numru 3165/FM) fejn it-Tribunal sab kontra r-rikorrent.

It-Tribunal Industrijali f'dan il-kaz gie kostitwit permezz ta' *Chairperson* wiehed maghzul minn *panel* mahtur mill-Ministru *a tenur* ta' l-**artikoli 73(2) u 73 (4) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ("l-Att").**

**Id-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol Numru 3165/FM.**

Ikkonsidrat li l-kaz premess gie intavolat fit-30 ta' Settembru 2013 fejn ir-rikorrent allega li l-impieg tieghu gie terminat wara li naqas li jimla applikazzjoni mibghuta lilu li

kienet taghtih post alternattiv minn dak li kellu, u dan kien jammonta ghal *demotion.* Il-kaz instema' mit-Tribunal Industrijali kif komposta mic-*Chairman* Franco Masini. Inzammu tnax-il seduta u instemghu diversi xhieda. Fil-konsiderazzjonijiet, it-tribunal sab li r-rikorrent kien hati ta' nuqqas serju meta naqas li jiccekkja l-biljetti tal-passiggieri u b'mod iktar serju, bi ksur tar-regolamenti tas-sahha u sigurta, qaghad f'post projbit li joqghod fih. Gie kkonstatat li l-verzjoni tar-rikorrent ma kienet xejn kredibbli u li t-temm tal-impieg tieghu kien ir-rizultat ta' procedura dixxiplinarja li ma tirrizultax li saret b'mod hazin u lanqas gie allegat li l-process kien b'xi mod vizzjat.

It-Tribunal ikkonsidra li l-komportament tar-rikorrent kien jiggustifika t-tkeccija filwaqt li s-socjeta' intimata dehrilha li minnflok din is-sanzjoni, kellha toffrilu post alternattiv li kien jikkonsisti f'*demotion*. Madanakollu r-rikorrent ma accettax il-post alternattiv u dan, f'ghajnejn it-Tribunal, kien jammonta ghall-abbandun tal-post.

Ghaldaqstant it-Tribunal iddecieda li *"dan kien kaz ta' nuqqas ta' accettazzjoni ta' impieg (u mhux ta' constructive unfair dismissal) da parti tar-Rikorrent u certament mhux ta' tkeccija tieghu minn mas-Socjeta' intimata Arriva Malta Limited, aktar tard sostitwita b'Malta Public Transport Services (Operations) Ltd."*

**Xhieda**

**Ir-rikorrent** xehed permezz ta' affidavit (fol.23) fejn qal li kien impjegat bhala *Revenue Protection Inspector* b'salarju

ta' €10,000 (fis-sena) u xogholu kien li jaghmel spezzjonijiet fuq ix-xarabank. Fis-7 ta' Mejju 2013 hu u siehbu, spettur iehor, telghu fuq *bus* minnhom u siehbu kellu argument ma' ragel ta' nazzjonalita Afrikana. Indahlet mara ohra ta' nazzjonalita' barranija ghaliex talbuha l-*identity card* taghha, li kienet il-*policy* tal-kumpanija. Qal li tant kiber l-argument li kellhom jigu l-pulizija. Dan l-incident gie mxandar fuq il-*media* kollha fejn hu u siehbu gew akkuzati b'komportament razzist.

Hu ghadda mill-Bord tad-Dixxiplina tal-kumpanija li kien tal-fehma li naqas minn dmirijietu izda gie offrut post ta' xuffier minnflok ma tkecca. Madanakollu rrizulta li ma kellux il-licenzja tas-sewqan u ghaldaqstant gie offrut impieg bhala Marshall, li kien ifisser tnaqqis drastiku fil-paga. Fis-7 ta' Awwissu 2013 gie infurmat li peress li ma accettax ix-xoghol alternattiv li offrewh, l-kumpanija kienet ser twaqqfu mix-xoghol u l-impieg tieghu gie terminat b'effett mit-30 ta' Mejju 2013.

Huwa pproceda quddiem it-Tribunal Industrijali. Qal li l-avukat li kellu dak iz-zmien tatu parir biex ma jappellax ghaliex l-appell seta' ikun biss fuq punt ta' ligi, u kien ser jahli l-flus billi l-kaz tieghu ma kienx jimmerita appell. Qal li baqa' jahseb fuq il-kaz u kkonkluda li l-avukat li kellu ma hadmitlux tajjeb. Qal li kien ghadu ma sabx impieg *full time.*

In **kontroezami** xehed u qal li gab il-provi kollha li ried igib quddiem it-Tribunal Industrijali dwar il-kaz tieghu u kellu l-assistenza ta' avukat li kellha tmexxih hi. Kien ikun prezenti waqt is-smigh. Ma hasibx li kien hemm xi prova jew

argument li t-Tribunal ma hallihx igib. Qal li lanqas ghamel talba biex jinbidel ic-*Chairperson*.

Dwar l-appell, qal li ddiskuta appell mal-Avukata tieghu izda qaltlu "tigih gholja". L-avukata tieghu iddecidiet li m'ghandux jappella u qaghad fuqha. Imbaghad Avukat iehor tah parir li setghu jappellaw ghaliex ic-*Chairman* ma kellux awtorita' li jaqtalu s-sentenza, u fetah din il-kawza. Mistoqsi mill-Qorti spjega li hu fetah din il-kawza.

"*Ghaliex jiena ma naqbilx li c-Chairman fuq bicca linja safra ta' fejn ix-xuffier fejn dik kemm qbiztha jiena dik il-linja safra, biex tifhimni, jien kont qieghed hawn, ma kont qieghed hawn; u c-Chairman ma qara xejn minn dan. Lanqas 3 warnings ma kelli!*"

Qal li kien mar ghand avukat iehor biex jiehu parir iehor dwar l-appell u dan ukoll qallu li kien hemm spiza. Mistoqsi jekk hallasx spejjez ghall-kawza odjerna qal "*Mela ma hallastx!? Hallast ghax jiena gabuni bil-guh.*"

Qal li kien qed jistenna li c-*Chairman* jaqra kollox. Kellu jinduna li kienu qed jitkellmu fuq "*bicca linja safra*" u lanqas kellu 3 *warnings*. Ma kienx jaf li seta' jappella fuq punt ta' ligi ghalkemm semmih fl-affidavit ghaliex hu ma jifhimx fil-ligi.

Xehed **in ri-ezami**[1] u kkonferma li wara d-decizjoni tat-Tribunal mar ghand avukat iehor ghall-parir. Mar ghand il-General Workers' Union li qalulu b'sentenza li t-Tribunal

[1] Seduta tal-14 ta' Frar 2017.

Industrijali mhuwiex konformi mal-ligi u imbaghad mar ghand l-Avukat iehor u sussegwentement ghand l-Avukat tieghu attwali. Qal li ma appellax ghaliex l-Avukata qaltlu *tigik expensive, ma ghandekx ghalfejn, tigik expensive."* Meta imbaghad ikkonsulta mal-Avukat attwali u kellmu dwar is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ddecieda li jiftah din il-kawza u hallas flus ghaliha.

**Franco Masini** xehed[2] li kien ilu *Chairperson* tat-Tribunal Industrijali tmintax-il sena mill-1998 u kien ghadu f'dik il-kariga. Qal li hu kwalifikat bhala prokuratur legali. Qal li qatt ma kellu indhil mill-awtoritajiet. Qal li meta inbidel il-Gvern qalulhom biex joffru r-rizenja taghhom kif isir dejjem meta ikun hemm kambjament ta' ministru, mhux biss tal-Gvern. Huwa qatt ma offra r-rizenja tieghu. Qal li l-komunikazzjoni li rcieva biex jirrizenja ma affettwatu xejn tant li lanqas iffirmaha.

Mistoqsi jekk qattx ghamel xoghol ghall-Arriva jew ghal Transport Malta, wiegeb li iva billi mis-sajf ta' qabel, f'xi Lulju 2016, qalulu biex jiccerja xi Bord tad-Dixxiplina bi ftehim bejn l-Union u l-kumpanija. Qal li jekk jigi kaz quddiemu li ghandu x'jaqsam ma' Transport Malta , mhux ser jaccetta dak il-kaz.

Xehed l-**Avukat Karl Briffa** b'affidavit (fol 57) li kien l-avukat tas-socjeta' **Arriva Malta Limited** fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kaz tar-rikorrent. Ikkonferma li waqt il-proceduri la r-rikorrent u lanqas l-Avukat tieghu ma ressqu xi ilment dwar xi nuqqas ta' smigh

[2] Seduta tas-6 ta' Dicembru 2016.

xieraq jew irrikuzaw lic-*Chairperson*. Qal li l-kaz instema' mill-bidu sal-ahhar u gie deciz mill-istess *Chairperson*, cioe` il-PL Franco Masini. It-Tribunal kien ukoll qara d-decizjoni fil-prezenza tar-rikorrent assistit mill-Avukat tieghu.

**L-eccezzjonijiet Preliminari - l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319**

Illi b'din l-eccezzjoni l-intimat u l-kjamat fil-kawza qed jistiednu lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a **tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u huwa intiz biex jirregolarizza l-azzjonijiet in mertu li jhalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.

Illi izda d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu fis-sens jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat; [3]

Illi kif inghad ghadd ta` drabi, l-ezistenza ta` rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta` allegat ksur ta` jedd

[3] Kost. 14.5.2004 fil-kawża fl-ismijiet **David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku**

fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta` fatt attwali u oggettiv.

Il-qorti taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister nomine***, fejn mir-rassenja tas-sentenzi hemm citati nisslet is-segwenti linji gurisprudenzjali in materja:

*"(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.*

*(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita` jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti konferit mill-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

*(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.*

*(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.*

*(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.*

*(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi kif gie ribadit fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005, fl-ismijiet ***Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[4] konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006:-

"*Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat*[5]*. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*[6]*. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża.*"

---

[4] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[5] Ara Kost. 5.4.1991 fil-kawża fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106)

[6] P.A Kost. 9.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija** (mhix pubblikata)

Illi hija l-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli ghaliha li ghandha l-oneru li tissodisfa lill-qorti li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika.

Illi l-intimati jissottomettu li f'dan il-kaz ir-rikorrent kellu disponibbli ghalih ir-rimedju ta' appell fuq punt ta' dritt lill-Qorti ta' l-Appell, u tar-rikuza tal-*Chairperson* tat-Tribunal Industrijali. Dwar l-ewwel rimedju hareg manifestament car mix-xhieda *viva voce* tar-rikorrent, li ghalkemm kien iddiskuta r-rimedju ta' appell mid-decizjoni tat-tribunal, l-avukata tieghu tatu parir li ma kellux kaz u li kien ser jigi ghali. Ghalhekk ghazel li ma jsegwix dik it-triq.

Dwar ir-rikuza, ma jirrizultax mill-provi li qatt qamet il-htiega waqt il-procedimenti li jigi rikuzat ic-*Chairperson* tat-Tribunal kostitwit fil-kaz tieghu.

Illi huwa lampanti mix-xhieda tar-rikorrent li il-kaz odjern gie xprunat mid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li sabet li l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali ma kienetx konformi mal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni[7] ghar-ragunijiet hemm dedotti. Difatti rrizulta mix-xhieda tar-rikorrent in kontro-ezami u in ri-ezami li kkonsulta ma' zewg avukati wara d-decizjoni tat-Tribunal u fiz-zewg okkazzjonijiet tawh parir sabiex ma jappellax u li appell kien ser jigi jiswilu spiza mhux hazin. Kien wara li mar tkellem mal-General Workers'

[7] Qed issir referenza ghaz-zewg sentenzi fl-ismijiet **General Workers' Union v L-Avukat Generali (19/08) u General Workers' Union v L-Avukat Generali (20/08 - Kaz ta'Josephine Attard Sultana v Tony Zarb)** decizi t-tnejn mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2016.

Union u gharrfuh bis-sentenza kostituzzjonali li fittex parir mit-tielet avukat u intavola l-proceduri odjerni.

Illi ghalkemm imfissra fil-kuntest id-dritt ghas-smigh xieraq, il-lanjanza odjerna ma tirrigwardax xi ksur tad-dritt tal-*audi alteram partem* jew nuqqasijiet ohra procedurali li seta' jirriskontra waqt is-smiegh quddiem it-Tribunal, kwezit iehor, essenzjali u fondamentali ghat-twettiq effikaci tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, u cioe l-indipendenza u l-imparzjalita' tat-tribunal.

Huwa pacifiku li r-rikorrent kien assistit minn avukat tul il-proceduri, li kien hemm ben 12-il seduta ghas-smigh, li ressaq il-provi kollha liberament u li ma kienx hemm ravvizat xi mankanza jew irregolarita' fis-smigh innifsu tal-kaz. Kieku kien hekk, allura kien ikollhom ragun l-Avukat Generali u s-socjeta' kjamata fil-kawza, li jistriehu fuq ir-rimedji ordinarji ta' appell u/jew rikuza billi tali mankanzi setghu jigu indirizzati f'dik is-sede.

Izda l-kaz odjern jittratta ben altru ghaliex jindirizza l-indipendenza u imparzjalita' strutturali tat-Tribunal fil-qafas tal-hatra u tat-tnehhija tal-gudikant tat-Tribunal - tas-*security of tenure* - u tal-komposizzjoni tal-istess, kif ukoll, f'tali kwadru,l-kwistjoni ta' parzjalita' ta' *Chairperson*, soggettiva jew oggettiva,  fil-kaz partikolari. Dawn il-lanjanzi, in kwantu jolqtu l-aspett strutturali tat-Tribunal, jesorbitaw mill-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Appell (Sede Inf.).

**Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

**INTEGRITA` TAL-GUDIZZJU - Para. III tar-Risposta tal-Avukat Generali**

Din l-eccezzjoni giet sorvolata bil-kjamata fil-kawza ta' Malta Transport Services (Operations Limited), u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.

**L-Inapplikabilita' tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni - Para IV tar-Risposta tal-Avukat Generali.**

L-Avukat Generali jissottometti fir-Risposta tieghu li l-kaz quddiem it-Tribunal kien jikkonsisti f'Kwistjoni tax-Xoghol purament privata bejn ir-rikorrent u l-kumpannija Arriva Malta Limited. F'dak il-kaz ir-rikorrent ghazel li ma jaccettax l-impjieg alternattiv u kwindi l-intimat jissottometti li dan l-agir tar-rikorrent ma jwassalx ghal xi decizjoni li setghet tiddetermina drittijiet u obbligazzjonijiet ta' natura civili jew kriminali, essenzjali biex tiskatta l-protezzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**L-Artikolu 6 § 1** tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...."* (Sottolinjar tal-Qorti).

Illi jigi senjalat li ghal xi raguni, l-Avukat Generali ma ssollevax din l-eccezzjoni fir-rigward tal-applikabilita' tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti

hija prekluza milli testendi l-argumentazzjoni taghha ghal dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni.

Illi huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg (QEDB) li l-kuncett ta' *civil rights and obligations* ghandu tifsira awtonoma.

Bhala principju generali l-Qorti Ewropea kellha l-okkazzjoni li tidhol fid-definizzjoni ta' "*drittijiet u obbligazzjonijiet civili*" sabiex tiddetermina l-ammissibilita' ta' kwistjoni taht l-**artiklu 6(1) :**

***"**Although the Court has stated in some cases that the concept of civil rights and obligations is autonomous and cannot be interpreted solely by reference to the domestic law of the respondent state,[8] it has also stated that for Article 6 to apply there must be a **right in national law** which is capable of being classified by the European Court as civil.[9] (**Guide to the Implementation of Article 6 of the European Convention on Human Rights - Echr Handbook No.3 p.11)."***

Huwa principju enuncjat li dak li hu rilevanti mhuwiex il-karattru tal-ligi li minnha jitnissel id-dritt, imma l-karattru sostantiv tad-dritt fih innifsu.[10]

Hekk fil-kaz **Ringeisen v Austria**[11] l-QEDB enuncjat il-principju li:

---

[8] *Vide* e.g. *Ringeisen v. Austria*, 16 July 1971, para. 94, and *König v. the Federal Republicof Germany*, 28 June 1978, para. 88

[9] *Z and others v. the United Kingdom*, 10 May 2001, and *Roche v. the United Kingdom*,19 October 2005.

[10] *Ringeisen v AUstria* Op.cit.

*"94. For Article 6, paragraph (1) (art. 6-1), to be applicable to a case ("contestation") it is not necessary that both parties to the proceedings should be private persons, which is the view of the majority of the Commission and of the Government. The wording of Article 6, paragraph (1) (art. 6-1), is far wider; the French expression "contestations sur (des) droits et obligations de caractère civil" covers all proceedings the result of which is decisive for private rights and obligations. The English text "determination of ... civil rights and obligations", confirms this interpretation."*

*"The character of the legislation which governs how the matter is to be determined (civil, commercial, administrative law, etc.) and that of the authority which is invested with jurisdiction in the matter (ordinary court, administrative body, etc.) are therefore of little consequence."*

Hekk fil-kaz ***Konig v Germany*** [12] **il-QEDB** riaffermat dan il-principju:

*"88. ..........Again, the Court has already acknowledged, implicitly, that the concept of "civil rights and obligations" is autonomous (above-mentioned Ringeisen judgment, p. 39, para. 94)."*

Inoltre, kif gie spjegat mill-istess Qorti fil-**Kaz Georgadis v Greece:**

---

[11] QEDB dec. 16 ta' Lulju 1971
[12] Dec. fit-28 ta' Gunju 1978

*"30. According to the principles laid down in its case-law (see, amongst other authorities, the judgments of* ***Zander v. Sweden****, 25 November 1993, Series A no. 279-B, p. 38, para. 22, and* ***Kerojärvi v. Finland****, 19 July 1995, Series A no. 322, p. 12, para. 32), the Court must ascertain, in particular, whether there was a dispute ("contestation") over a "right" which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law, and whether the outcome of the proceedings at issue was directly decisive for the right in question."*

*" 34. It remains to be established whether such a right can be considered a "civil" right, as pleaded by the applicant.In this respect, the Court recalls that the concept of "civil rights and obligations" is not to be interpreted solely by reference to the respondent State's domestic law and that Article 6 para. 1 (art. 6-1) applies irrespective of the status of the parties, as of the character of the legislation which governs how the dispute is to be determined and the character of the authority which is invested with jurisdiction in the matter (see, among other authorities, the* ***Baraona v. Portugal*** *judgment of 8 July 1987, Series A no. 122, p. 18, para. 42)."*

Illi l-principji applikabbli skont il-gurisprudenza tal-QEBD gew migbura mill-istess Qorti fil-kaz **Benthem v Netherlands**[13] u cioe`:

*" 32. The principles that emerge from the Court's case-law include the following:*

[13] Dec.fit-23 ta' Ottubru 1985.

*(a) Conformity with the spirit of the Convention requires that the word "contestation" (dispute) should not be "construed too technically" and should be "given a substantive rather than a formal meaning" (see the **Le Compte, Van Leuven and De Meyere** judgment of 23 June 1981, Series A no. 43, p. 20, para. 45).*

*(b) The "contestation" (dispute) may relate not only to "the actual existence of a ... right" but also to its scope or the manner in which it may be exercised (see the same judgment, loc. cit., p. 22, para. 49). It may concern both "questions of fact" and "questions of law" (see the same judgment, loc. cit., p. 23, para. 51 in fine, and the **Albert and Le Compte judgment** of 10 February 1983, Series A no. 58, p. 16, para. 29 in fine, and p. 19, para. 36).*

*(c) The "contestation" (dispute) must be genuine and of a serious nature (see the **Sporrong and Lönnroth** judgment of 23 September 1982, Series A no. 52, p. 30, para. 81).*

*(d) According to the **Ringeisen judgment** of 16 July 1971, "the ... expression 'contestations sur (des) droits et obligations de caractère civil' [disputes over civil rights and obligations] covers all proceedings the result of which is decisive for [such] rights and obligations" (Series A no. 13, p. 39, para. 94). However, "a tenuous connection or remote consequences do not suffice for Article 6 para. 1 (art. 6-1) ...: civil rights and obligations must be the object - or one of the objects - of the 'contestation' (dispute); the result of the proceedings must be directly decisive for such a right" (see*

*the above-mentioned Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment, Series A no. 43, p. 21, para. 47)."*

Illi fid-dawl ta' dan kollu, jirrizulta li l-applikabilita' tal-artikolu 6 § 1 f'kwistjonijiet civili jiddependi mis-segwenti elementi:

1) l-ezistenza ta' kontestazzjoni (*dispute, contestation)*;

2) Il-kontestazzjoni ghandha tirrigwarda drittijiet jew obbligazzjonijiet li huma rikonoxxuti bhala tali fil-ligi domestika. Mhuwiex sufficjenti li d-dritt jezisti fl-astratt;

3) li dawn id-drittijiet u obbligazzjonijiet huma ta' natura civili fit-tifsira Konvenzjonali taghhom;

4) li l-kontestazzjoni tiddetermina d-drittijiet u obbligazzjonijiet .

Illi l-intimat qed jikkontesta l-applikabilita' tal-artikolu 6(1) fuq zewg binarji:

1. Li l-Kwistjoni hija essenzjalment bejn zewg persuni privati (ir-rikorrent u l-Arriva);

2. In natura tal-Kwistjoni li, skont l-intimat, ma kenitx twassal ghad-determinazzjoni ta' xi dritt jew obbligazzjoni civili .

Illi ghar-rigward tal-karatteristika "privata" tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet fil-Kwistjoni quddiem it-Tribunal, ma hemm l-ebda dubbju li tali Kwistjoni tax-Xoghol tirrigwarda drittijiet

privati (*private rights and obligations)* fejn anke z-zewg partijiet fil-proceduri huma persuni privati. Ghalhekk din il-parti tal-eccezzjoni tal-intimat ma tregix.

Illi izda, l-Avukat Generali eccepixxa li billi r-rikorrent kien ghazel liberament li ma jaccettax l-impieg tieghu, ma inholoq l-ebda kontestazzjoni skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea "*stante* li tali nuqqas ta' accettazzjoni ta' impjieg *da parte* tar-rikorrent la tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' drittijiet ta' natura civili u lanqas ma tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' akkuza kriminali."[14]

Il-Qorti tifhem hawnhekk li ma hemmx kuntrast li d-dritt ta' persuna kontra t-terminazzjoni ingusta tal-impieg tieghu huwa "dritt civili". Anzi t-talba tar-rikorrent quddiem it-Tribunal hija mmirata ghall-kumpens xieraq minhabba tkeccija ingusta.

Izda li qed jigi kkontestat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern huwa proprju n-natura tat-tilwima bejn il-partijiet, u cioe', jekk din tista' tigi klassifikata bhala kontestazzjoni (jew "*deċiżjoni***"** fit-test Malti - jew"*dispute"*) fit-termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Illi fil-kaz **Roche v United Kingdom** gie ribadit mill- QEBD (Grand Chamber)[15]:

***"1****. Article 6 § 1 does not, however, guarantee any particular content for those (civil) “rights” in the substantive*

[14] *Vide* Risposta Guramentata tal-Avukat Generali
[15] Dec. fid-19 ta' Ottubru 200

*law of the Contracting States: the Court may not create through the interpretation of Article 6 § 1 a substantive right which has no legal basis in the State concerned (see **Fayed**, cited above, pp. 49-50, § 65). Its guarantees extend only to rights which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law (see **James and Others v. the United Kingdom**, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, and **Z and Others,** § 81, and the authorities cited therein, together with **McElhinney v. Ireland** [GC], no. 31253/96, § 23, 21 November 2001)."*

Ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghamel referenza għall-kawża fl-ismijiet **General Workers' Union v. Avukat Ġenerali**[16] deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-18 ta' Ġunju tas-sena 2015 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali[17] nhar it-12 ta' Frar 2016 li jikkonċerna każ identiku għal dak odjern u fejn il-Qorti qalet illi:

*"Huwa magħruf fil-ġurisprudenza illi sabiex japplika l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li jeżisti "dispute" dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet (ara Benthem vs Netherlands) dritt li jkollu s-sisien fil-liġi domestika u li jkun ta' natura "ċivili". Il-Qorti tinnota illi l-Qorti Ewropea ma tistabbilix fil-kuntest kriterji definiti ta' "ċivili". It-test adoperat sabiex tiġi stabbilita l-applikabbilità o meno tal-Art. 6 huwa jekk id-deċiżjoni aħħarija hijiex deċiživa għad-dritt jew obbligu tal-persuna (ara H vs France 24 ta' Ottubru 1989). Il-Qorti Ewropea*

[16] Rikors Numru 19/2008
[17] Rikors 19/08/AF

*irriteniet inoltre (**Ruiz-Mateos vs Spain** 12 ta' Settembru 1993) illi ukoll fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali jew ta' dritt pubbliku, l-Art. 6 japplika jekk id-deċiżjoni tkun "decisive for civil rights and obligations". Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali ukoll qegħda tiġi miċħuda."*

Illi fil-kaz **Reid v United Kingdom**, il-QEBD filwaqt li riaffermat il-principju li l-artikolu 6 japplika ghall-kontestazzjonijiet dwar drittijiet u obbligazzjonijiet civili li huma rikonoxxuti almenu *on arguable grounds* fil-ligi domestika, rriteniet hekk:

*"It will however apply to disputes of a "genuine and serious nature" concerning the actual existence of the right as well as to the scope or manner in which it is exercised **(Benthem v. the Netherlands** judgment of 23 October 1985, Series A no. 97, p. 15, § 32)."*

Illi fil-kaz in ezami, r-rikorrent intavola Kwistjoni tax-Xoghol sabiex jikseb rimedju ghat-tkeccija ingusta. Fil-kaz **Buchholz v Germany**[18] il-Qorti Ewropea ammettiet minghajr kontestazzjoni li kaz li kien jirrigwarda proceduri ghat-tkeccija ingusta bejn persuni privati kien jikkostitwixxi dritt civili fit-termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.[19] Madanakollu, fil-kaz odjern, it-Tribunal, wara li qies il-fatti kollha tal-kaz, ikkonkluda li l-kwistjoni ma kenitx wahda ta' tkeccija, imma ta' rinunzja ghax-xoghol da parti tar-

[18] QEDB - 6 ta' Mejju 1981

[19] *"46. One point has not been put in issue and the Court takes it for granted: the "right" being claimed by Mr, Buchholz was a "civil right" within the meaning of Article 6 par. 1 (art. 6-1).".*

rikorrent. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzjoni wara li qies li t-talba quddiemha ma kenitx wahda ta' *constructive unfair dismissal.*

Illi, izda, din il-Qorti hija tal-fehma li b'danakollu, ghandha thares lejn il-kaz fil-mument li gie istitwit quddiem it-Tribunal, fejn allura r-rikorrent kien qed ifittex kumpens ghat-tkeccija ingusta u mhux ghall-eventwali konkluzjoni tac-*Chairperson* li hija kwistjoni ta' mertu. Inkwadrat f'dawn it-termini, r-rikorrent ghandu jitqies li kellu *arguable grounds* biex iressaq it-talbiet tieghu quddiem it-Tribunal u d-decizjoni eventwali kienet determinanti tad-disputa.

**Ghaldaqstant din l-eccezzjoni mressqa fir-rigward tal-applikabilita' tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni qed tigi respinta.**

## FIL-MERTU

Illi permezz tal-azzjoni odjerna ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti sabiex, tiddikjara u tiddeciedi s-segwenti:

*(i) Li l-kostituzzjoni u l-komposizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-Att 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghal smigh xieraq tieghu, senjatament stante li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u taht l-obbligi internazzjonali tal-Istat ta’ Malta."*

Illi l-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** gja gie citat testwalment *ante* filwaqt li l-artikolu **39(2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk: -

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi l-konsiderazzjonijiet segwenti huma applikabbli filkuntest taz-zewg dispozizzjonijiet citati mir-rikorrent.

Jigi senjalat immedjatament li peress li r-rikorrent irregistra t-tilwima tax-xoghol tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali fit-30 ta' Settembru 2013 huma applikabbli ghalih id-dispozizzjonijiet tal-ligi kif vigenti f'dik l-epoka, u cioe` qabel ma dahal fis-sehh l-Att Nru XXXIII tal-2016.

Fil-proceduri in ezami numru 3165/FM, it-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol imsemmija gie kostitwit permezz ta' gudikant wiehed[20] ossia *Chairperson* maghzul minn *panel* mahtur mill-Ministru *a tenur* ta' **l-artikoli 73(2) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ("l-Att").**

[20] Peress li l-kaz kien jikkoncerna allegazzjoni ta' tkeccija ingusta.

L-**Artikolu 73 (2) tal-Kap.452** kif vigenti fl-epoka kien jipprovdi hekk dwar il-metodu tal-hatra ta' *Chairperson* -

*(2) Il-Prim Ministru għandu jaħtar panel ta' mhux aktar minn ħmistax-il persuna biex jagħmluha ta' Chairpersons tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, hekk iżda li –*

*(a) Għall-inqas tlieta mill-membri hekk maħtura jkunu avukati b'esperjenza ta' għall-inqas seba' snin;*

*(b) Dawn il-persuni jigu mahtura ghal perjodu li ma jkunx aktar minn tliet snin mid-data tal-hatra taghhom u jistghu jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal perjodi ohra li kull wiehed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin;*

*(c) Dawn il-persuni jservu bhala Chairpersons jew wara xulxin jew skond it-tqassim tad-dmirijiet u suggetti ghal dawk id-dispozizzjonijiet dwar rikuża u ċirkostanzi oħra, kif jista' jiġi preskritt mill-Ministru."*

L-**artikolu 73(6) tal-Kap. 452**, kif vigenti fl-epoka in ezami kien jghid hekk dwar il-mod ta' kif jitnehha *Chairperson*:

*"(6) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' Chairperson tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta'*

*isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala Chairperson sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom*."

Għalhekk il-ħatra taċ-*Chairperson* fih innifsu, u jekk dan jintemmx qabel it-terminu, jew jiġġeddidx, jiddependi mill-Prim Ministru. Iċ-*Chairperson* huwa protett biss sakemm jintemmu l-proċedimenti li fihom ikun qed iservi. Anke jekk hu rikjest li għall-ħatra u għat-tneħħija tac-*Chairpersons* il-Prim Ministru għandu jikkonsulta ruħu mal-Kunsill Malta għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, finalment hija deċiżjoni tiegħu biss. Dan b'differenza tal-kriterji u obbligi li sussegwentement gew introdotti bl-emendi tal-Att XXXIII tal-2016.

**Illi r-rikorrent isostni li t-Tribunal mhuwiex indipendenti u imparzjali ghas-segwenti ragunijiet:**

i. Billi l-membri, inkluz ic-*Chairpersons* tieghu ma jgawdux sigurta' bizzejjed fil-mili tal-kariga taghhom ("security of tenure");

ii. Huma mahtura ghall-perjodu ta' tliet snin li tista' jitqies bhala perjodu qasir wisq.

iii. Ic-*Chairpersons* tat-Tribunal jistghu jigu mnehhija minn fuq il-*panel* ta' *Chairpersons* mill-Prim Ministru minghajr htiega li dan jaghti raguni valida jew adirittura htiega li sahansitra jaghti xi tip ta' raguni.

iv. Illi ghalkemm l-**artikolu 73(6) tal-Att** jghid li l-Prim Ministru jista', minn zmien ghal zmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fl-artikolu 73(2), jibdel l-ghamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu dan ma jsehhx fir-realta'.

v. Illi minkejja li l-Prim Ministru ghandu jikkonsulta mal-MCESD, il-ligi ma tipprovdix li l-Prim Ministru ghandu jkun marbut ma' dak li johrog mill-konsultazzjoni. Inoltre l-fatt dwar jekk il-Prim Ministru jkunx verament ikkonsulta mal-MCESD mhuwiex sindikabbli u/jew enforzabbli quddiem il-Qrati Maltin.

vi. Illi **l-Artikolu 73** ghalhekk jippermetti lill-Ministru li-jimplimenta mizuri jew passi pseudo-dixxiplinarji fuq ic-*Chairperson* tat-Tribunal, liema passi ma huma soggetti ghal ebda revizjoni jew censura peress li jaqghu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Ministru.

vii. Il-parti fil-Kwistjoni tax-Xoghol tista' tappella biss fuq punt ta' dritt.

Illi l-intimat issottometta hekk fis-succint:

- minn imkien ma jirrizulta li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq fil-kaz tieghu;

- li r-rikorrent ma ippruvax l-istatus tieghu ta' *vittma* ghall-fini ta' dawn il-proceduri;

- ir-rikorrent ma ppruvax li t-Tribunal kif kompost ma tahx il-garanziji xierqa ta' indipendenza u imparzjalita';

- jezistu salvagwardji li jissoddisfaw bis-shih l-artikoli invokati mir-rikorrent ghal dak li huwa l-hatra u t-tmexxija tat-Tribunal.

Il-Kjamat fil-kawza, da parti tieghu, issottometta fis-succint:

- Il-perjodu tal-hatra (tliet snin) huwa perjodu minimu accettabbli biex tigi accertata l-indipendenza tat-Tribunal;

- Il-PL Franco Masini , li kien ic-*Chairperson* li ppresjeda fil-kaz tar-rikorrent, ghall-kuntrarju, kien f'din il-hatra ghall-18-il sena ininterottament;

- Ma jirrizultax li kien hemm indhil fit-twettiq tad-dmirijiet tac-*Chairperson* fil-kaz odjern;

- Jezistu l-garanziji effettivi sabiex jigi sgurat is-smigh xieraq fil-kaz tar-rikorrent;

- Il-kwistjoni ta' *security of tenure* kienet biss wahda mid-diversi kriterji applikati mill-Qorti Kostituzzjonali fiz-zewg kazi istitwiti mill-GWU kontra l-Avukat Generali, u fejn f'wiehed minnhom (19/2008) il-Gvern kien wiehed mill-partijiet quddiem it-Tribunal;

***Stare Decisis***

Illi l-Qorti tibda biex tissenjala li huwa minnu li fis-sistema guridika taghna ma jezistix dak li fis-sistema ta' *common*

*law* hu maghruf bhala *the law of binding precedent,* jew il-kuncett *parallel* tieghu ta' *stare decisis* izda s-sitwazzjoni mhix kategorika kif iridu l-intimati. Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Strickland v Hunter (XXX-I-446)** dan ma jfissirx li fi qrati ta' Prim' Istanza tezisti anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi fis-sens li kull Qorti tista' hekk *sic et simpliciter,* tapplika l-ligi kif jidhrilha meta diga jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' Qorti ta' Gurisdizzjoni Superjuri.

Hekk fil-kaz fl-ismijiet **l-On. Imh. Dottor Anton Depasquale v Avukat Generali** deciza fl-1 ta' Gunju 2001, il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet :

*"Fl-interpretazzjoni tal-ligijiet ta' pajjizna kif fuq imfisser din il-Qorti hija mghejjuna b'decizjonijiet precedenti taghha, ghax minkejja illi fis-sistema taghna ma jezistix il-kuncett ta' 'binding precedent' huwa ovvju li pronunzjamenti precedenti ta' din il-Qorti fejn il-materja partikolari tkun giet approfondita, ma ghandhomx jigu rovexxati leggerment u minghajr raguni tant serja li jwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzzjoni li tali interpretazzjoni hija wahda jew ingusta mal-mghodija taz-zminijiet jew wahda li nterpretat ligi partikolari b'mod inkorrett. "*

*"Dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni japplikaw ukoll ghal din il-Qorti minkejja illi hija (bhal Prim'Awla tal-Qorti Civili - Sede Kostituzzjonali, li ghandha gurisdizzjoni originali) f'dawn il-materji u cioe' ta' allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem taht l-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni awtorizzata li "taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u*

*taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizjonijiet ta' l-imsemmija Artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna" (Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni)."*

Il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u taghmlu taghha.

Illi fil-kaz odjern, hija gwidata mis-sentenza moghtija fil-kaz fl-ismijiet **GWU v Avukat Generali** (20/2008) billi taqbel li l-kaz numru 19/2008 fl-istess ismijiet kien jirrigwarda disputa fejn il-Gvern kien parti mill-proceduri, u ghalhekk kien jikkoncerna fatti ben differenti mill-kaz tallum.

***Victim Status***

Illi ghal dak li jirrigwarda l-istat ta' *vittima*, huwa risaput ukoll li l-element tal-interess guridiku fil-kuntest ta' kawzi ghat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kuncett ta' *vittma*. Dan il-kuncett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wiehed awtonomu, li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (ECtHR) indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika.[21]

"*The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary."*[22]

[21] Ara ad ez. **Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**, § 35). ;**Brumărescu v. Romania** - GC], § 50); u **Monnat v. Switzerland**, § 33.
[22] [22] Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.

Huwa pacifiku wkoll li biex lanjant ikun jista' jadixxi l-qorti jrid ikun jezisti ness bejn l-allegat ilment u l-ksur tad-dritt fundamentali allegat fis-sens li ghandu jkun hemm effett dirett fuq l-istess persuna tal-ksur tad-dritt allegat (**Ressegatti vs Switzerland**[23]).

Illi l-Qorti ghalhekk ma taqbilx mat-tezi promossa mid-difiza li r-rikorrent m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri billi jista' jisubixxi lezjoni f'kaz li jirrisulta li l-kaz tieghu gie mismugh minn Tribunal bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**L-ilmenti dwar il-Hatra u Tnehhija tac-*Chairpersons* tat-Tribunal, dwar is-*Security of Tenure,* u l-perjodu tal-Hatra - Tribunal Indipendenti u Imparzjali**

L-awturi **Van Dijk Van Hoof u Van Rijn** fil-ktieb "*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*" (4th ed) isostnu[24]:

*"The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

---

[23] QEBD Rikors numru 17671/02,
[24] P.613

Illi l-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **Campbell and Fell v The United Kingdom**[25] fissret:

*"78. In determining whether a body can be considered to be "independent" - notably of the executive and of the parties to the case (see, inter alia, the **Le Compte, Van Leuven and De Meyere** judgment of 23 June 1981, Series A no. 43, p. 24, para. 55) -, the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office (ibid., pp. 24-25, para. 57), the existence of guarantees against outside pressures (see the **Piersack judgment** of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 13, para. 27) and the question whether the body presents an appearance of independence (see the **Delcourt judgment** of 17 January 1970, Series A no. 11, p. 17, para. 31)."*

L-istess gie affermat fil-kaz **Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium** [26]**:**

*"55. Whilst the Court of Cassation, notwithstanding the limits on its jurisdiction (see paragraphs 33 and 51 above), obviously has the characteristics of a tribunal, it has to be ascertained whether the same may be said of the Appeals Council. The fact that it exercises judicial functions (see paragraph 26 above) does not suffice. According to the Court's case-law (the above-mentioned **Neumeister** judgment, p. 44; the **De Wilde, Ooms and Versyp** judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, p. 41, par. 78; the above-mentioned **Ringeisen** judgment, p. 39, par. 95),*

[25] Dec fit-28 ta' Gunju 1984 *(Application no. 7819/77; 7878/77)*
[26] QEDB dec.fit 23 ta' Gunju 1981.

*use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements - independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of Article 6 par. 1 (art. 6-1) itself. In the Court's opinion, subject to the points mentioned below, those requirements were satisfied in the present cases."*

Dwar id-dritt ta' persuna li jkollha l-kaz taghha mismugh minn tribunal indipendenti u mparzjali, l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* jghidu hekk[27]-

*"The right to a fair trial in Article 6 (1) requires that cases be heard by an 'independent and impartial tribunal established by law'….There is close inter-relation between the guarantees of an 'independent' and an 'impartial' tribunal. A tribunal that is not independent of the executive is likely to be in breach of the requirement of impartiality also in cases to which the executive is a party. Likewise a tribunal member who has links with a private party to the case is likely to be in breach of both requirements. For this reason, the European Court commonly considers the two requirements together , using the same reasoning to decide whether a tribunal is 'independent or impartia.' In respect of both requirements there is abreach not only where there is proof of actual dependence, but also where the facts raise a 'legitimate doubt' that the requirement has been met (objective test."*

[27] Third Edition fol 446

Dwar dawn l-elementi l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick ikomplu [28]:

*“As far as ‘**manner of appointment**’ is concerned, appointment by the executive is permissible, indeed normal….For a judge’s independence to be challenged successfully by reference to his ‘manner of appointment’ it would have to be shown that the practice of appointment ‘as a whole is unsatisfactory...."*

*"With regard to the ‘**duration of their term of office’**, a short term of office has been accepted as permissible as far as members of administrative or disciplinary tribunals are concerned. In **Campbell v Fell,** appointment for a term of three years as a member of a prison Board of Visitors acting as a disciplinary tribunal was sufficient, the Court being influenced by the fact that members were unpaid and that it might be hard to find candidates for any longer period..."*

*"As to ‘**guarantees against outside pressures’**, tribunal members must be protected from removal during their term of office, either by law or in practice. ...As far as other guarantees against outside pressure are concerned, the Court requires that tribunal members are not subject to instructions from the executive ...."*

*Finally, the ‘**appearance of independence**’ requirement listed by the Court in the Campbell and Fell case related to*

[28] Op.cit p 448

*the objective test that has been developed by the Court in respect to the requirements of both independence and impartiality. "*

Kif fuq premess, il-Qorti Kostituzzjonali gja ippronunzjat ruhha fiz-zewg kawzi istitwiti mill-**General Workers' Union kontra l-Avukat Generali.** Dawn iz-zewg kawzi ttrattaw kwistjoni differenti, billi l-kaz numru 19/2008 kien jirrigwarda tilwima fejn il-Gvern ta' Malta kien parti, filwaqt li l-kaz 20/2008 kien jirrigwarda Kwistjoni tax-Xoghol ghat-tkeccija ingusta bejn zewg persuni essenzjalment privati.

Illi fil-kaz numru **19/2008,** il-Qorti Kostituzzjonali kienet irribadiet :

*"Meqjusa dawn il-fatturi kollha, l-Qorti tirrileva li l-fatt li ġudikant ikun maħtur mill-Gvern fih innifsu ma jfissirx li meta jkun qed jikkunsidra kwistjonijiet li jinvolvu l-Gvern dan se jagħti lok għal nuqqas ta' imparzjalita` u indipendenza. Il-fatt waħdu li t-Tribunal Industrijali huwa magħmul minn persuni maħtura mill-Gvern ma jfissirx li awtomatikament ser jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq meta individwu ikun involut f'każ kontra l-Gvern, pero` dan dejjem sakemm jeżistu dawk il-garanziji li jassiguraw tali imparzjalita` u indipendenza tat-Tribunal. "*

Illi, izda, fil-kaz li kien jikkoncerna l-Kwistjoni tax-Xoghol ta' Josephine Attard Sultana (20/2008) l-Qorti Kostituzzjonali gibdet distinzjoni bejn kaz fejn il-Gvern huwa parti, u kaz fejn il-kwistjoni tirrigwarda persuni privati, meta ezaminat l-aspett ta' garanziji ta' smigh xieraq:

*"Il-union targumenta li allura l-Artikolu 73 jippermetti lill-Ministru (jew Prim Ministru skont il-każ), li jimplimenta passi "pseudo-dixxiplinarji" fuq iċ-Chairperson u l-membri tat-Tribunal; u li dawn il-passi ma huma soġġetti għal l-ebda reviżjoni jew ċensura. Għandha raġun targumenta hekk fir-rigward ta' kawżi fejn il-Gvern huwa parti, iżda fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali* ***Josephine Attard Sultana v. Tony Zarb et (2437JB)*** *li huma proċeduri kontra l-amministrazzjoni tal-GWU u l-GWU innifisha, din il-Qorti ma tarax kif l-imsemmija nuqqas ta "security of tenure" per se tista' taffettwa d-dritt għal smigħ xieraq tal-partijiet involuti."* (Enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet li:

*"Fil-każ tallum l-ilment huwa fuq il-prassi in ġenerali, u li x'aktarx ġiet segwita anke fil-każ tallum, li jittieħdu pariri minn wara l-kwinti u li l-partijiet ma jkunx jafu bihom. Irriżulta mix-xiehda li dan fil-fatt isir. Anke jekk fir-rigward tal-każ odjern ma nġabitx prova li fil-fatt ingħata parir, ma hemmx iċ-ċertezza li dan ma sarx f'dan il-każ ukoll u għalhekk ma hemmx dak is-serħan il-moħħ meħtieġ għal garanzija ta' imparzjalità u indipendenza. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward ta' din il-prassi addottata mit-Tribunal Industrijali l-imparzjalita` tal-istess Tribunal tista' tiġi kompromessa, bir-riżultat li jkun qed jinkiser id-dritt għal smigħ xieraq kif protett taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6.1 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem."*

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Qorti Kostituzzjonali eventwalment sabet lezjoni mhux fuq in-nuqqas ravvisat tas-*security of tenure* imma minhabba n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-prassi addottata mit-Tribunal Industrijali li tfittex pariri minn terzi fejn l-imparzjalita' tal-istess Tribunal tista' tigi kompromessa - ilment ghal kollox estraneu ghall-kaz odjern.

F'sentenza antecedenti tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' April 1993, fil-kaz **Raymond Sammut v On. Prim Ministru et**. kien gie precizat li s-*security of tenure* huwa biss fattur li jrid jigi kkonsiderat fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, meta wahda mill-partijiet tkun l-istess awtorita' li ghandha s-setgha li tinnomina jew tnehhi lill-gudikant. F'dak il-kaz, il-Qorti qieset li tali fattur deciziv kien nieqes. Il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza tal-QEDB fil-kaz ta' **Sramek v Awstrija**[29] u qieset li "*Provi konkreti, jew almenu serjament induttivi, iridu jsiru fuq dawn l-elementi biex jigi stabbilit jekk t-tribunal huwiex indipendenti jew le, kif jidher li l-istess Qorti Ewropea stabbiliet fil-kaz ta'* ***Etti u ohrajn v Awstrija*** *tat-23 ta' April 1987 fejn anke skrivani tas-servizz civili gew accettati bhala 'indipendenti'..*"

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, ghal dak li jirrigwarda l-modalita' ta' hatra (mill-ezekuttiv) u l-perjodu ta' hatra (tliet snin) ta' *Chairpersons* tat-Tribunal, kif gja premess, dawn huma fatturi li fihom nfushom mhumiex determinanti imma indikattivi ghall-fini tal-ezami odjerna

[29] Dec.fit-22 ta' Ottubru 1984.

flimkien ma nuqqas ta' garanziji kontra pressjoni esterna. (*guarantees against external pressure*[30]*).*

Illi r-rikorrent, mistoqsi minn din il-Qorti ghaliex fetah il-kawza odjerna ir-rikorrent wiegeb :

"*Kif nifhimha jiena, ghax jiena ma naqbilx li c-Chairman fuq bicca linja safra ta' fejn ix-xuffier fejn dik kemm qbiztha ftit jiena dik il-linja s-sagra, biex tifhimni, jien kont qieghed hawn, ma kontx qieghed hawn; u c-Chairman ma qara xejn minn dan. Lanqas 3 warnings ma kelli! Lanqas 3 warnings ma kelli!.*"[31]

Illi jigi precizat li din il-Qorti ghamlet ezami akkurata tal-proceduri inkorsi quddiem it-Tribunal Industrijali u ma sabet xejn li jista' iwassal ghal xi preokkupazzjoni li r-rikorrent ma inghatax smigh xieraq fil-Kwistjoni tieghu. Aparti l-konsiderazzjoni li l-kwistjoni kienet bejn persuni privati, u ghalhekk taqbel li ghandu jigi applikat ir-ragunament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz 20/2008, jirrizulta li r-rikorrent kien assistit minn avukat f'dawk il-proceduri u ressaq il-provi kollha minghajr xkiel, kif, *del resto*, ammetta l-istess rikorrent fix-xhieda tieghu *viva voce*. Fil-proceduri gew assigurati l-garanziji ghas-smigh xieraq li huma parti integrali mill-applikazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni (access ghall-Qorti, *equality of arms,* u l-*audi alteram partem).*

[30] *Vide* **Campbell and Fell** *ante.*
[31] Seduta tas-26 ta' Jannar 2017 a fol 4 tal-process.

Illi fattwalment, jirrizulta mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Franco Masini, persuna li jgawdi minn kwalifiki legali, kif anke jissottomettu l-intimati, li kien ilu jokkupa l-kariga ta' *Chairperson* ininterottament ghall-18-il sena u li meta rcieva talba biex joffri r-rizenja tieghu ma effettwatu xejn u li qatt ma offra r-rizenja tieghu. Qal wkoll li qatt ma kellu indhil mill-awtoritajiet. [32]

Dan kollu juri li t-Tribunal kif hekk presjedut, fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn ir-rikorrent u l-*employer* tieghu, mhux biss offra l-garanziji mehtiega kontra kull pressjoni esterna, imma li ma kien hemm xejn li seta' ta lok ghal xi apparenza ta' parzjalita'.

Illi *in visto* ta' dak kollu premess, din il-Qorti ma ssibx li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif pretiz mir-rikorrent.

Ghaldaqstant ser tghaddi biex tichad it-talbiet billi mhumiex gustifikati minn apprezzament shih tal-fatti fil-kuntest tad-dritt applikabbli.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-Avukat Generali u tal-Kjamat fil-Kawza, u tichad l-eccezzjonijiet preliminari kif spjegat fis-sentenza, tichad it-talbiet tar-rikorrent billi mhumiex gustifikabbli fil-fatt u fid-dritt.

[32] Seduta tas-6 ta' Dicembru 2016

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Novembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Novembru 2017**